MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

# 7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 6

il-Hamis 26 ta' April 2018

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 1 Binja tas-Salvatur, Triq Luigi Pisani, il-Kalkara fl-4 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Speranza Chircop – Sindku
Christopher Bruno – Viċi Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Paul Bongailas - Kunsillier
Vince Bongailas - Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

***Ma Kienx hemm***

**ASSENTI**

***Ma Kienx hemm***

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Elaine Caruana – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Speranza Chircop ippresjediet il-laqgħa.

## 6.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

***Ma Kienx hemm***

## 6.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

6.2.1 Il-Minuti ġew riveduti mill-Kunsilliera qabel il-laqgħa u kulħadd qabel li ma kien hemm l-ebda diffikultajiet jew punti oħra li kellhom jiġu mqajjma dwar is-Seduta li saret f 'Marzu 2018.

Il-Minuti ġew moqrija w approvati fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Speranza Chircop u sekondati mill-Kunsillier Paul Bongailas

**Komunikazzjoni mis-Sindku : Seduta Preċedenti Punt 5.3.11**

Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill illi hi stess kif ukoll is-Seg.Eżek iltaqgħu mal-kappillan tal-lokal biex jitkellmu rigward is-siġra li tinsab Triq il-Kappuċċini biex wieħed isib soluzzjoni mingħajr ma jweġġa ħadd.

Is-Sindku spjegat ili l-kappillan kien diġa' sejjaħ laqgħa ma nies tekniċi li jistgħu jiggwidawh aħjar wieħed x'jista' jagħmel b'din is-siġra biex isir kollox skond il-liġi.

Is-Sur Bruno saħaq illi l-kappillan għandu isejjaħ laqgħa man-nies li joqgħodu flinhawi biex jiehu suggerimenti qabel ma tittiehed deċiżjoni finali. Il-kunsilliera saħħqu illi n-nies m'għandhom l-ebda jgħedd fuq din id-deċiżjoni dan minħabba l-fatt illi s-siġra hija tal-knisja u ta ħadd iktar.

Il-Kunsill reġa' qabel illi la darba s-siġra titneħħa/ tinżabar skond il-liġi u fuq il-gwida tan-nies professjonisti l-istess Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni għal dak li jiddeċiedi l-kappillan iktar u iktar meta din is-siġra taqa' taħt ir-responsabbilta' tiegħu dirett.

Il-Kunsill qabel ukoll illi l-qtil ta' ħamiem fil-lokal m'għandux isir minn naħa tal-Kunsill minħabba suġġetti moralistici, pero ma jistax jindaħal il-dak ir-resident li jkolli problema ta' ħamiem fir-residenza privata tiegħu u jrid iġib professjonisti biex jisparawlhom la darba ikun inġieb il-permessi kollha meħtieġa.

**6.3 Komunikazzjoni mis-Sindku :Korrespondenza**

**6.3.1** Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop ikkongratulat ruħha mas-Sur Vince Bongailas kif ukoll ma' Josette li ma kinitx preżenti waqt din is-seduta tal-attivita' sabiħa li tellaw flimkien aktar kmieni dan ix-xahar fejn jinġabru wkoll flus ( donazzjonijiet min-nies preżenti) f'isem l-annimali tal-Kalkara.

Is-Sur Bongailas saħaq illi wara s-suċċess li kellhom din is-sena wieħed ser ikun qed jipprepara xi ħaga simili għas-sena 2019 verżjoni ikbar pero.

Il-Kunsill qabel unanimament illi l-flus miġbura waqt din l-attivita' għandhom jinxtraw ikel għal l-annimali u jitqassam lill-feeders tal-lokal stess.

Is-Sur Paul Bongailas issuġġerixxa li tintbgħat ittra uffiċjali mill-Kunsill ta' ringrazzjament il-Josette li tant ħadmet għal din l-istess attivita'.

**6.3.2** Is-Sinjura Maria Sutana ser tkun qed tiltaqa' mal-'head' tal-iskola kif ukoll imbgħad ma' Josette l-ħaddiema tal-librerija tal-Kunsill Lokali Kalkara biex wieħed jaħdem fuq jum il-libreriji dan wara li Josette stess uriet xewqa li t-tfal tal-iskola primarja jkollhom iċ-ċans iżuru l-librerija u wkoll ikunu jafu bħala librerija x'toffri b'ċelebrazzjoni / attivita' ħelwa.

6.3.3 Il-Kunsill ikkonferma għal darb'oħra formalment waqt din is-seduta il-parteċipazzjoni tiegħu fis-sħubija mar-reġjuni rigward it-tender tal-'street lightning' kif ukoll fin-nominazzjoni ta' trejqet Frangisku Chircop għal fondi fi ħdan ir-Reġjun biex tiġi tranġata b'asphaltar kif suppost darba għal dejjem.

**6.3.4** Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-bqija tal-Kunsill li Perit li qiegħed jieħu ħsieb żvilupp ġewwa Triq Santa Filomena għal bini ta' Boutique Hotel qiegħed joffri niċċa r-restawrata u lesta biex titpoġġa u titgawda minn nies tal- lokal dan wara illi l-mepa stess talbita li jagħmel hekk u kienet arti mill- kundizzjonijiet tal-bini ta' dan l-istess sit. Wara laqgħa mal-perit kif ukoll l-owners ta' dan l-iżvilupp is-Sindku issuġerit li din in-niċċa għandha titpoġġa fiċ- ċimiterju tal-ġermaniżi li fis-sena 2017 ġie irranġat bħala open space avolja sa issa mhux wiegħed jinfetaħ għal pubbliku, pero hija saħħqet illi dan huwa post sigur biex in-niċċa ma tiġix ivvandalizzata.

Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment ta' Sindku msemmi hawn fuq kif ukoll qed jiġi issuġerit illi l-istorja ta' din in-niċċa għandha tiġi engravjata fuq irħama bħal informazzjoni għal l-istess pubbliku la darba jibda jinfetaħ il-ġnien.

6.3.5 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar kwotazzjoni

li inġiebet biex isir podium għal Kunsill wara l-punt imqajjem mis-Sur Paul Bongailas f'seduta preċedenti aktar kmieni fis-sena 2017. Is-Sur Bongailas saħaq illi din il-kwotazzjoni hija waħda 'expensive' u talab li jinġieb iktar kwotazzjonijiet biex wieħed ikun jista' jqabbel u jara x'jaqbillu. Is-Sinjura Sultana wegħdet li iġġib kuntatt mill-iskola li ħadem podium iktar kmieni kif eżatt jixtieq il-Kunsill Lokali Kalkara.

6.3.6 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-kunsill dwar attivita' li ser tkun qed issir aktar tard f'Ottubru 2018 bħala launching tal-ktieb li diġa' kien deċiż mill-istess Kunsill li ser ikun qed jinħareġ mill-Kunsill Lokali Kalkara bil-għajnuna ta' nies professjonisti. Iktar informazzjoni dwar din l-attivita' ser tkun qed tintbgħat lill-kunsilliera tagħhom għal kummenti tagħhom biex b'hekk jinbdew il-preparamenti kif suppost.

6.3.7 Is-Sinjura Speranza Chircop infurmat il-Kunsill illi l-ktieb miktub mis-Sur Charles Flores waqtiet Kalkarizi qed jinbiegħ mill-Kunsill Lokali għal prezz ta' €5.95 hekk kif ġie infurmat ,mil-awtur u pubblikatur stess. Is-Sindku ippreżentat ktieb lill-kunsilliera kollha waqt din is-seduta kif ukoll infurmat il-kunsill dwar il-'launching uffiċjali' tal-ktieb li ser isir ġewwa bighi fil-jiem li ġejjin. Hija ser tkun qed tinforma l-bqija tal-Kunsill bid-data uffiċjali ta' dan il-launching.

6.3.8 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop spjegat illi wara laqgħa li kellna flimkien mas-Seg Eżek fuq id-data protection saħħqet illi l-camera imwgħeda mill-MSCT ma tistax titwaħħal fl-uffiċini tal-Kunsill u titqabbad mas-Sistema tagħhom dan ħabba raġunijiet ta' data protection u skond il-liġi. Is-Seg. Eżek ġabet kwotazzjoni għal cameras u sistema ġol Kunsill lokali stess fejn din ma telatx hafna aktar minn dak li kien qed jigi issuġġerit mill-msct biex il-camera titqabbad mas-Sistema tagħhom. Il-Kunsill qabel illi għandhom jinġibu 2 kwotazzjonijiet oħra biex wiehed iqabbel u la darba tittieħed deċizjoni tintbgħat ittra formali lill-mcst biex jagħtu l-kontributa tagħhom rigward dan il-fatt minħabba l-fatty illi kien sar ftehim bejn iż-żewġ partijiet fejn wara sentejn dan il-ftehim mhux qed jiġi mibdi sal-preżent minn naħa tagħhom.

6.3.9 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill mix-xahar li ġej ser ikollna servizz ieħor b'xejn ġewwa l-berġa tal-lokal għal benefiċċju tar-residenti tal-Kalkara għal min ibgħati minn nuqqas ta' smigħ dan wara li s-sinjorina Josette Ciantar ikkordinat kollox minn naħa tagħha mad-dipartiment ikkoncernat fejn ser ikunu qiegħedin jittieħdu l-appuntamenti minn dan ix-xahar stess għal visti ta' smigħ u dak li għandu x'jaqsam mal-widnejn.

6.3.10 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat lill-Kunsill dwar laqgħa li

kellha mar-recycling malta textile fejn dawn qed jipproponu ġbir ta' ħwejjeġ u tessuti minn wara l-bieb biex ir- residenti tagħna ikunu jistghu johorgu wara biebhom tessuti u jingabar minn din il-kumpanijja stess bla ebda spejjeż li jrid jaghmel il Kunsill. Il-ġurnata fix-xahar għada trid tiġi diskussa la darba tgħaddi din il-proposta u iktar informazzjoni ser tkun qed tintbgħat lil din il-kumpanija biex b'hekk jinbeda servizz ieħor b'xejn għal beneficcju tar-residenti tal-lokal tal-Kalkara.

Il-Kunsill qabel unanimament dwar din il-proposta / servizz imsemmi hawn fuq.

6.3.11 Is-Sinjura Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill dwar okkażjoni biex nissieħbu ma' pajjiż fl-italja biex isir proġett ta' skambju li jinvolvi iż-żewġ każini tal-baned tal-lokal pero r-rikjesta waslet mil-lum għal ada u jaf wara s-seduta tallum ikun tard wisq biex nissieħbu. F'dan l-istess proġett involuti s-Sur JC Azzopardi kif diġa' kien ġie deċiż mill-Kunsill f'seduti preċedenti. Is-Seg. Eżek kienet infurmatu illi l-laqgħa tal-Kunsill kienet ser issir illum u ma kinitx f'pożizzjoni li ttih tweġiba kif ġib u laħaq mingħajr mal-Kunsill ikun jaf.

Il-Kunsill qabel unanimament illi meta jkun hemm rikjesti li jridu tweġiba daqsekk malajr għandha tintbgħat email il-kunsilliera kollha biex jitħaffef il-proċess tat-tweġiba tal-Kunsill u ma jitilfux opportunitajiet bħal dawn.

6.3.12 Is-Sinjura Sindku infurmat il-Kunsill dwar laqgħa li kellha mal-Gal Xlokk rigward fondi ġodda li ser ikunu qed joħorġu iktar tard fis-sena 2018, pero hija saħqet illi l-proġetti m'humiex ser ikunu 100 percent financed u ħabba raġunijiet ovvji tajjeb li l-Kunsill fil-preżent jibqa' jsostni fuq il-proġett kapitali ta' riġenerazzjoni tax-xatt mal-gvern ċentrali biex b'hekk isir proġett wieħed kbir bla problemi ta' finanzi li jridu jinħarġu mill-Kunsill.

Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku imsemmija hawn fuq.

6.3.13 L-inġinier Camenzuli kif ukoll 6 residenti oħra ingħaqdu flimkien u kienu preżenti waqt din is-seduta għal dan il-punt imsemmi hawn taħt:

Dawn ir-resienti li joqgħdu fi Triq il-Ġenista jinsabu urtati għal fatt illi persuna partikolari bniet kontra r-regolarmenti kollha tal-mepa u li qed tikkawża deterrent għar-residenti kollha l-oħra tal-inħawi dan minħabba l-fatt illi l-binja għoliet iktar milli suppost kif ukoll il-faċċata hija ta' 'eye sore' għal kumplament tal-environment.

Dawn ir-residenti urew ukoll xi ritratti biex il-Kunsill jifhem aħjar l-ilment tagħhom kif ukoll ikkonfermaw illi huma stess kienu diġa kitbu lill-mepa kif

ukoll innotifikaw lill-istess mepa b'petizzjonijiet li kienu ffirmaw huma stess.

L-istess residenti qed jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill biex wieħed jenfasizza iktar dan id-deterent.

Il-Kunsill qabel unanimament li ghandha tintbgħat email formali liċ-chairperson tal-mepa bil-kummenti illi l-kunsill m'għandu xejn kontra dan l-individwu li qed jibni u lanqas kontra l-iżvilupp ta' dan il-plot pero l-Kunsill kontra bini li jmur kontra l-grand harbour master lan li inħareġ fit-2006 fejn hemm miktub ċar kemm irid ikun għoli fost punti oħra l-bini fl-inħawi.

6.3.14 Is-Sinjur Sindku Speranza Chircop infurmat il-Kunsill illi l-ebda ħanut tal- Catering ma wieġeb għall-ittra li kienet intbgħatet mill-Kunsill stess rigward il-kollettur tal-iskart li jrid ikollhom privatament ħlief il-Viri's take away li dan irrisponda ċar u ta lill-Kunsill id-dettalji kollha rikjesti.

Il-Kunsill qabel unanimament li għandhom jiġu kkordinati green wardens fil-lokal biex b'hekk kulħadd jirregolazza ruħu skond il-liġijiet tal-iskart u l-catering establishments fil-Kalkara minħabba li s-sitwazzjoni ta' ħmieg fix-xatt tal-Kalkara iggravat u hija waħda tal-biki fil-preżent.

6.3.15 Is-Sindku infurmat il-Kunsill illi l-ħarġa kultrali li kella ssir fis-27 ta' Mejju ġiet posposta għal aktar tard din is-sena għal Ġunju kif ukoll fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm ser tkun qed issir bħal kull sena f'isem il-Kunsill Lokali Kalkara homes privati, sptarijiet kif ukoll nies li huma rrekoverati ġo darhom fil-lokal stess.

6.3.16 Is-Sindku infurmat il-Kunsill dwar laqgħat u diskussjonijiet li qed ikolla m'a dipartimenti speċifiċi rigward l-attivita' ta' Puttinu li ser tkun qed terġa' titella' mill-Kunsill għas-sena 2018 biex b'hekk iġġib kemm jista' jkun għajnuna minn kull banda ħalli s-somma finali li tinġabar tkun waħda sabiħa b'risq Puuttinu Cares.

6.3.17 il Kunsill qabel unanimanet mas seg ezek wara lispjegat illi hija ghandha bzonn iktar ghajnuna fix xoghol ta lufficju dan wara certi oroceduri ikkomlikaw ruhom u qed titlef hafna hin faffarijiet inqas importanti minn ohrajn. Il Kunsill lokali Kalkara qabel illi ghanda tinhareg sejha interna skond il ligi blapprovazzjoni tad direttur ghal office clerk bskala 13 fil jiem li gejjijn biex tigi trainjata taghmel affarijiet aktar teknici fi hdan lufficini tal Kunsill.

6.3.18 Is-Seg. Eżek spjegat id-dispjaċir tagħha rigward id-disclaimer of opinion fuq il-Kunsill mingħand l-awdituri wara li sar l-awditjar ta' kull sena.

Fil-qari tal-management letter 2 punti mmarkati bħala punti 2 u 3 mill-awdituri stess qed juru fiċ-ċar illi l-accounts tal-Kunsill marru għal-għar u mhux għall-aħjar sfortunatament. Is-Seg. Eżek saħqet tgħid illi l-punti ħżiena imsemmijin li għandhom x'jaqsmu ma' amministrazzjoni tieħu r-responsabbilta' tagħhom hi pero fuq accounts hija m'hijiex f'pożizzjoni li tagħmel dan minħabba l-fatt illi l-kunsill iħallas kuntrattur apposta.

Il-Kunsill qabel unanimament illi għandha tissejjaħ laqgħa mad-direttur għal gwida fuq din is-sitwazzjoni biex b'hekk tkun tista' tittieħed deċiżjoni u l-Kunsill ikun jista' jirranga l-qgħada tiegħu f'affarijiet li jikkonċernaw il-finanzi.

## 6.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 6.4.1 Christopher Bruno– Vici Sindku

**A.** Is-Sur Bruno għadda ilment dwar trakk ipparkjat bil-lejl u bin-nhar ġewwa Triq l-Isptar Navali mgħobbi b'ħadid u imbarazz fosthom b'tankijiet li ħadd ma jaf biex ikunu mimlijin. In-nies tal-inħawi huma ikkonċernati li allaħares qatt xi ħadd iqabbad dawn it-tankijiet fejn zgur mhux forsi ser tiġrilhom ħsara fil-faċċatti minhabba l-fatt illi f'din is-sit m'hemmx 'parking bays' impinġijijn mal-art b'hekk it-trakk qiegħed ikun ipparkjat viċin ħafna l-entraturi tal-blokkijiet tal-flats.

Is-Sur Vince Bongailas kompla jsostni l-punt imsemmi hawn fuq dan wara li kien hu stess li diġa' ilmenta fuq dan l-istess trakk mal-Kunsill kif ukoll mal-pulizija.

Il-Kunsill qabel unanimament illi wieħed għandu jieħu parir minn TM kif ukoll jintalbu 'junction boxes' quddiem il-biebin tan-nies mhux biss minħabba dan it-trakk imma minħabba ukoll aċċessibilta' aħjar għal ġo darhom.

**B.** Is-Sur Bruno saħaq illi s-sitwazzjoni tad-devouzzjoni tal-ħwienet ta' fejn l-uffiċini tal-Kunsill hija waħda mitlufa jekk il-Kunsill mhux ser ikompli jippressa lill-awtoritajiet ikkonċernati billi anka intuwhom 'deadline' għal xi tip ta' risposta kemm jekk hi waħda pożittiva anka jekk tkun negattiva biex wieħed ma jibqax jagħmel kastelli fl-arja.

Is-Sur Bruno saħaq ukoll illi fil-fehema tiegħu kieku wieħed ikellem lill-individwu li qed iżomm fi ħdanu dawn il-ħwienet għal użu ta' xejn bil-kelma t-

tajba, il-Kunsill għandu jasal fi ftehim miegħu bla problemi ta' xejn.

Is-Sur Vince Bongailas – Kunsillier

A. Is-Sur Bongailas f'isem ir-residenti tal-inħawi ta' Ġnien is-Salvatur talab mera viċin il-bieb is-salvatur biex b'hekk ikunu aktar komdi joħorġu mill-inħawi peress li t-triq hija dejqa minnha nnifisa.

Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni rigward twaħħil ta' mera ġdida f'dan is-sit.

B. Is-Sur Bongailas għarraf il-Kunsill illi għal sena oħra ser ikunu qiegħedin jinbdew l-attivitajiet tas-Sajf għat-tfal lejn Ġunju 2018.

**Is-Sur Pawlu Bongailas - Kunsillier**

**A.** Is-Sur Pawlu Bongailas, informa l-Kunsill dwar laqgħa li kellu mal-każin Sagra Familja rigward Jum il-Kalkara 2018 fejn dawn ma qabblux mad-data diġa' mifthema mill-Kunsill ħabba raġunijiet varji. Huma issuġġerew illi s-serata għandha tkun fid-9 ta' Diċembru minflok fit-12, 2018.

Il Kunsill ma sab lebda oggezjoni fuq it tibdil ta dati imsemmi hawn fuq. Is sur Bongailas zied jghid illi ghal din is sena il programm ta muzika ser ikun wiehed inqas wara li ittiehdu fil konsiderazzjoni il punti imqajjmin waqt is seduti tal Kunsill stess fuq il fatt illi il programm kien qed ikun wiehed twil.

**B.** Is-Sur Pawlu Bongailas talab lis-Seg.Eżek tieħu ħsieb tkellem il-kuntrattur tal-knis biex idur dawra l-lokal u jagħti kinsa kullimkien kif suppost.

Is-Sinjura Maria Sultana- Kunsilliera

A Is-Sinjura Sultana saħqet li hemm bżonn tabelli ġodda n-naħa tax-Xatt l-area ta' mal-baħar minħabba l-kwantita' eċessiva ta' ħmieġ tal-klieb li qed ikun hemm mat-trejqa kollha.

**C.** Is-Sinjura Sultana talbet is-Seg.Eżek tara x'alternattva jista' wieħed jagħmel minflok il-matts preżenti tal-bandli li hemm ix-xatt dan minħabba l-fatt illi huma iebsin u t-tfal jistgħu jinbarxu faċilment.

**D.** Is-Sinjura Sultana saħħqet illi hemm bżonn jinqata' l-ħaxix ħazin ta' kullimkien fil-lokal speċjalment in-naħa tal-iskola kif ukoll jiżdiedu l-fjuri

fil-ħwat imferrxin fit-toroq differenti bħal pereżempju fil-ħwat li hemm ġol-bandli stess.

**E.** Is-Sinjura Sultana staqsiet lis-Seg. Eżek x'ġara mir-railings li kien hemm fejn l-iskola qabel ma beda kuntrattur speċifiku jaħdem fiż-żona. Is-Seg Eżek ikkonfermat illi r-railing li kien hemm kien reġa twaħħal lura fil-post hekk kif il-kuntrattur kien spiċċa mix-xogħolijiet. Is-Sinjura Sultana saħħqet illi kien hemm iktar railing fuq il-post u li m'għandiex idea x'seta ġara minnu.

**F.** Is-Sinjura Sultana irrapurtat illi l-bins tax-Xatt għandhom bżonn tindifa kif suppost mill-ħaddiema tal-istess Kunsill kif kien isir qabel.

## 6.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

6.5.1 Il-pagamenti kollha innutati fuq l-iskeda ta' pagamenti 4.18 ippreżentata mis-Seg.Eżek. ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera waqt din is-Seduta.

## 6.6 Mozzjonijiet

Ma kienx hemm

## 6.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

6.7.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata unanimament mill-Kunsilliera għal nhar it-Tlieta 22 ta' Mejju 2018 fil 4:00 p.m. u spiċċat fil 5:30 ta filgħaxija.

Konfermati, illum il-Hamis 26 ta' April 2018

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Speranza Chircop<br>Sindku | Elaine Caruana<br>Segretarju Eżekuttiv |